

## Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' 12 ta' Ġunju 2019 — RV vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-167/17) <sup>(1)</sup>

*(“Servizz pubbliku — Ufficijali — Artikolu 42c tar-Regolamenti tal-Persunal — Għoti ta’ leave fl-interess tas-servizz — Ir tirar awtomatiku — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà parżjali — Kamp ta’ applikazzjoni tal-liġi — Tqajjim ex officio — Interpretazzjoni letterali, kuntestwali u teleoloġika”)*

(2019/C 263/43)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### **Partijiet**

Rikorrent: RV (rappreżentanti: inizjalment minn J.-N. Louis u N. de Montigny, sussegwentement minn J.-N. Louis,)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Berscheid u D. Martin, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: inizjalment minn J. Steele u D. Nessaf, sussegwentement minn J. Steele u M. Rantala, u finalment minn J. Steele u C. González Argüelles, aġenti) u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u R. Meyer, aġenti)*

### **Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2016 li tqiegħed lir-rikorrent fuq leave fl-interess tas-servizz skont l-Artikolu 42c tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea u, simultanjament, fuq ir tirar awtomatiku skont il-ħames paragrafu ta' din id-dispożizzjoni.

### **Dispożittiv**

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-21 ta' Diċembru 2016 li permezz tagħha RV tqiegħed fuq leave fl-interess tas-servizz u, simultanjament, fuq ir tirar awtomatiku, hija annullata.*
- 2) *Ir-rikors huwa miċħud għall-bqija.*
- 3) *Il-Kummissjoni għandha tħalli l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti minn RV, inklużi dawk relatati mal-proċedura għal miżuri provviżorji.*
- 4) *Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 144, 8.5.2017.